**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs**

**Alaeddin Halbie**

**Illum 17 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Alaeddin Halbie, bin Abdalaa u Smyreh neè Halbie, imwieled Syria nhar it-28 ta' Mejju 1978, residenti Nru. 38, Flat 2, Sqaq l-Imrabat, San Giljan, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 35069(A), talli nhar il-5 ta' Lulju 2018 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fiz-zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Ikkaguna lil Samah Monsour u Nura Halbie biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuni jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Samah Mansour u Nura Halbie;
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika;
4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Samah Mansour u Nura Halbie;
5. Irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti tipprovdi ghall-garanzija ta' Samah Mansour u Nura Halbie u dan ai termini ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtà u protezzjoni ta' Samah Monsour u Nura Halbie kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà u ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika jew ghal skop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza u dan skond l-Artikoli 383 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 15 tal-process, id-dokument, ossia passaport ta' l-imputat, markat Dok. "TM" a fol. 20 tal-process u t-tornavit li intuza f'dan l-incident markat Dok. "GV";

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2018, gew awtorizzati s-segwenti korrezzjonijiet: (i) id-data tal-prezentata ta' l-akkuzi tigi taqra 6 ta' Lulju 2018 minflok 6 ta' Gunju 2018; u (ii) il-Karta ta' l-Identità ta' l-imputat tigi taqra 35069(A) minflok 148406(L);

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2018 u in segwitu ghall-korrezzjonijiet awtorizzati regghu inqraw taht gurament u gew sottomessi l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat u rega' sar l-ezami ta' l-imputat;

Rat li waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju 2018 l-imputat kien wiegeb li ma huwiex hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu izda waqt l-ezami tal-11 ta' Lulju 2018, l-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jirrikonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2018 id-difensur tal-*parte civile* ddikjarat li l-istess *parte civile*, ossia Samah Monsur, mart l-imputat, u ghal kull buon fini Nura Halbie, bint l-imputat, irriznunzjaw ghal kwalunkwe azzjoni fil-konfront ta' l-imputat;

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2018 il-Prosekuzzjoni iddikjarat li ghalkemm dawn il-proceduri jitmexxew *ex officio,* in segwitu d-dikjarazzjoni tal-*parte civile* irtirat l-akkuza tar-recidiva fil-konfront ta' l-imputat;

Rat is-sentenza pronuncjata minn din il-Qorti fil-11 ta' Lulju 2018, fejn, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-akkuza tar-recidiva in kwantu din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, in segwitu ghall-ammissjoni ta' l-imputat sabet lill-istess imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u wara li rat l-Artikoli 251(3), 251H(a) u (d), 221(2), 222(a), 338(dd) u 339(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal tlett (3) snin prigunerija, izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, partikolarment fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-*parte civile* li tirrinunzja ghal kwalunkwe azzjoni fil-konfront ta' l-imputat, qieset li piena karcerarja mhux idoneja f'dan il-kaz u invece hemm lok li t-terminu ta' prigunerija jigi sospiz, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, issosspendiet it-terminu ta' prigunerija ta' tliet (3) snin ghall-perijodu ta' erba' (4) snin b'effett mid-data tas-sentenza; a tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm

piena ta' prigunerija; a tenur ta' l-Artikolu 23(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska tat-turnavit li ntuza f'dan l-incident u li gie esebit mill-Prosekuzzjoni fl-atti ta' dawn il-proceduri bhala Dok. "GV"; ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghdet lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ghall-perijodu ta' erba' (4) snin mid-data tas-sentenza u dana skond u taht il-kudizzjonijiet li gew imposti f'Digriet dwar Ordni ta' Trattament moghti w anness mas-sentenza; u harget fil-konfront ta' l-imputat Obbligazzjoni ghas-Sigurtà ta' Persuna ai termini ta' l-Artikolu 383(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-fini tal-protezzjoni u sigurtà ta' Samah Monsour u Nura Halbie, liema Obbligazzjoni saret taht il-kondizzjonijiet u termini stipulati f'Digriet moghti w anness mas-sentenza;

Rat li in forza ta' sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell Kirminali fis-6 ta' Dicembru 2018, is-sentenza pronuncjata minn din il-Qorti fil-11 ta' Lulju 2018 giet annullata stante li ma ssibx sostenn fis-sistema legali nostrali, u sabiex l-imputat ma jigix imcahhad mid-dritt tad-*doppio esame*, l-atti gew rimessi lil din il-Qorti sabiex tittratta l-kaz mill-gdid;

Rat li l-kawza fl-ismijiet premessi giet appuntata ghall-15 ta' Jannar 2019;

Rat li waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiza ddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz mill-gdid mill-Qorti kif presjeduta;

Semghet ix-xhieda ta' Samah Mansour moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2019;

Rat li waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu u iddikjaraw li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza a bazi ta' l-ammissjoni ta' l-imputat u a bazi tax-xhieda ta' Samah Mansour;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli nhar il-5 ta' Lulju 2018 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fiz-zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta: (i) ikkaguna lil Samah Monsour u Nura Halbie biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuni jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Samah Mansour u Nura Halbie; (iii) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika; (iv) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Samah Mansour u Nura Halbie; u talli (v) irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Prosekuzzjoni avvanzat is-segwenti talbiet: (i) sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti tipprovdi ghall-garanzija ta' Samah Mansour u Nura Halbie u dan ai termini ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtà u protezzjoni ta' Samah Monsour u Nura Halbie kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà u ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghal skop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza u dan skond l-Artikoli 383 u 412C tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu. Waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2018 il-*parte civile* iddikjaraw li jirrinunzjaw ghal kwalunkwe azzjoni fil-konfront ta' l-imputat u in segwitu ghal tali dikjarazzjoni l-Prosekuzzjoni rtirat l-akkuza tar-recidiva fil-konfront ta' l-imputat. Apparte minnhekk waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, Samah Mansour, ghan-nom taghha u ta' bintha minuri Nura Halbie, iddikjarat li ma kenitx hi li ghamlet rapport fil-konfront ta' l-imputat in konnessjoni ma' dan il-kaz izda jidher li r-rapport sar minn terzi u ddikjarat ukoll li kemm hi kif ukoll bintha jahfru lill-imputat ghall-akkadut.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-akkuza tar-recidiva fil-konfront ta' l-imputat in kwantu din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi l-ohra dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront ta' l-imputat u minnu ammessi, il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li l-*parte civile* hafru lill-imputat ghall-akkadut u irrinunzjaw ghal kwalunkwe azzjoni fil-konfront ta' l-imputat.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 18, 251(3), 251H(a) u (d), 221(2), 222(a), 338(dd) u 339(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-akkuza tar-recidiva, in kwantu din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, u li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi l-ohra deddoti fil-konfront tieghu, tiddikjara li peress illi Hija tal-fehma li fil-qies tac-cirkostanzi tal-kaz, partikolarment fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet tal-*parte civile* u tax-xhieda ta' Samah Mansour, ma huwiex spedjenti li timponi piena fuq l-imputat u ma jkunx adatt li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation, Ordni ta' Servizz fil-Komunità jew Ordni ta' Probation u Servizz fil-Komunità, tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien disa' (9) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu f'kaz illi tul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata huwa jwettaq reat iehor, u cioè li huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reati mertu ta' din is-sentenza.

Dejjem fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet tal-*parte civile* u b'mod partikolari fid-dawl tax-xhieda ta' Samah Mansour moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2019, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex tipprovdi ghall-garanzija ghas-sigurta ta' Samah Mansour u Nura Halbie a tenur ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex tipprovdi ghas-sigurtà u protezzjoni ta' l-imsemmija Samah Monsour u Nura Halbie kif jidhrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà u ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika jew ghal skop ta'

protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza.

Ghal kull buon fini l-Qorti tordna l-konfiska tat-turnavit li ntuza f'dan l-incident u li gie esebit mill-Prosekuzzjoni fl-atti ta' dawn il-proceduri bhala Dok. "GV".

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**